MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-26 ta' April, 2013

Appell Civili Numru. 6/2011/1

**Anthony Camilleri f'ismu proprju u bħala mandatarju ġenerali ta' oħtu assenti minn dawn il-gżejjer Carmen Xuereb, John Camilleri, Agnes Camilleri f'isimha proprja u f'isem binha assenti minn dawn il-gżejjer David Camilleri, Kevin Camilleri u Natalie miżżewġa lil Manwel Hili, Michael Camilleri**
***v.***
**Marija mart Peter Paul Camilleri, l-istess Peter Paul Camilleri għal kull interess li jista' jkollu, Lilian mart George Gstt u Mary Louise mart Raymond Muscat u b'digriet tat-12 ta' Jannar 2011 il-Qorti awtorizżat it-trasfużjoni tal-ġudizzju f'isem il-konvenuti Marija Camilleri, Robert Camilleri, Mary Louise Muscat, Lilian**

**Gatt, Stephen Camilleri u Dennis Camilleri wara l-mewt ta’ Peter Paul Camilleri u l-Avukat Ġenerali kjamat in kawża.**

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha wara referenza kostituzzjonali dwar jekk l-art. 615(1) tal-Kodiċi Ċivili, dwar il-leġittima jew “sehem riżervat”, kif kien qabel l-emendi li saru bis-saħħa tal-Att XVIII tal-2004, jiksirx il-jedd tat-testatur u tal-werriet għat-tgawdija tal-proprjetà, imħares taħt l-art. 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali [“l-Ewwel Protokoll”].

2. Ir-referenza saret mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali [“il-Qorti tal-Maġistrati”] f’kawża fejn l-atturi talbu mingħand il-konvenuti s-sehem riżervat mill-wirt tat-testatriċi. Il-konvenuti ressqu l-eċċezzjoni, fost oħrajn, illi l-istitut tal-leġittima jew tas-sehem riżervat huwa inkompatibbli mal-jedd ta’ proprjetà għax “dak li qed jitolbu l-atturi jikkostitwixxi esproprju privat u mhux fl-interess pubbliku da parti tal-atturi tal-proprjetà tad-*de cuius* mingħajr ma lanqas jingħata l-ebda kumpens”.

3. Fit-18 ta’ Frar 2011 il-Qorti tal-Maġistrati tat dikriet li bih ordnat:

“… riferenza lill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) sabiex tagħti deċiżjoni dwar jekk l-artikolu 615(1) tal-Kodiċi Ċivili kif kien jaqra qabel l-emendi introdotti bl-Att XVIII tal-2004 jilledix id-dritt fundamentali tat-testatur u tal-werrieta tiegħu għat-tgawdija tal-proprjetà kif garantit permezz tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem.”

4. L-art. 615(1) tal-Kodiċi Ċivili, qabel ma ġie emendat bl-Att XVIII tal-2004, kien igħid hekk:

**“615.** (1) Il-leġittima hija sehem mill-beni tal-mejjet, mogħti mil-liġi lid-dixxendenti, u, fin-nuqqas ta’ dixxendenti, lill-axxendenti tal-mejjet.”

5. B’sentenza mogħtija fit-23 ta’ Ottubru 2012 l-ewwel qorti iddikjarat:

"… infondata fil-fatt u fid-dritt il-pretensjoni tal-konvenuti li wasslet għall-ordni ta` riferenza. Għalhekk qiegħda tiddeċiedi illi l-artikolu 615(1) tal-Kodiċi Ċivili kif kien jaqra qabel l-emendi introdotti bl-Att XVIII tal-2004 ma jilledix id-dritt fundamentali tat-testatur u tal-werrieta tiegħu għat-tgawdija tal-proprjetà kif garantit permezz tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem."

6. L-ewwel qorti waslet għal dik il-konklużjoni wara li qieset id-dottrina u l-ġurisprudenza fuq il-materja u għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:

"L-analiżi tal-Art. 1 (P1-1) trid tkun maqsuma fi tnejn. Fl-ewwel lok, irid ikun stabbilit jekk kienx hemm ksur tad-dritt ta' *every natural or legal person … to the peaceful enjoyment of his possessions*. Fit-tieni lok jekk jirriżulta li *a natural or legal person* kien privat minn *his possessions* irid ikun stabbilit jekk dak it-teħid forzuż kienx *in the public interest and subject to the conditions provided for by law and by the general principles of international law* bl-aġġunta tal-prinċipju illi xejn ma jfixkel *the right of a State to enforce such laws as it deems necessary to control the use of property in accordance with the general interest or to secure the payment of taxes or other contributions or penalties*.

"Fil-każ tal-lum, l-ordni ta' riferenza jolqot il-posizzjoni kemm tat-testatriċi kif ukoll tal-eredi. Fl-istess waqt, il-posizzjoni tat-testatriċi trid titqies diversament minn dik tal-konvenuti bħala eredi.

"Sabiex persuna tfittex il-ħarsien tad-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni, fosthom l-Art. 1 (P1-1), trid timmerita dak il-ħarsien, u trid tipprova illi hija "vittma" ta' allegat ksur tal-jeddijiet tagħha. Fil-każ tal-lum, it-testatriċi, kemm damet ħajja, setgħet li kieku riedet tittenta azzjoni sabiex tavvanza l-pretensjoni illi l-obbligu tagħha li tosserva l-art. 615(1) tal-Kap.16 kien jikkostitwixxi ksur tad-dritt tagħha kif tutelat bl-Art. 1 (P1-1). *Eppure* ma ħadet l-ebda azzjoni f'dak is-sens. U mal-mewt tat-testatriċi, id-dritt tagħha f'dak il-kuntest miet magħha għaliex, mal-mewt tat-testatriċi, dak id-dritt ta' azzjoni potenzjali li tfittex *qua* testatriċi l-ħarsien tal-Konvenzjoni ma kienx trasmess lill-eredi tagħha, għaliex l-eredi jidħlu fiż-"żarbun" tad-*de cujus* mal-mewt tagħha, u, mal-mewt tagħha, kisbu mhux

dak kollu illi t-testatriċi kellha sal-mewt iżda dak kollu illi l-liġi tgħid li għandhom jedd għalih, dan fejn *si tratta* ta' aċċettazzjoni ta' wirt mingħajr kondizzjoni kif kien il-każ tal-lum.

"Mela għar-rigward ta' Ursola Camilleri bħala testatriċi, ma tistax tiġi avvanzata issa wara l-mewt tagħha pretensjoni li *se mai* kellha tiġi avvanzata minnha *vita durante*.

"Diversa hija s-sitwazzjoni tal-konvenuti għaliex dment illi l-pretensjoni tagħhom bħala eredi ta' Ursola Camilleri taqa' fil-parametri tal-Art. 1 (P1-1) din tingħata konsiderazzjoni.

"Dan premess, din il-qorti tgħid, mingħajr l-iċken esitazzjoni, illi l-pretensjoni tal-konvenuti tinkalja fit-tifsira ta' *possessions* li hija l-pern tal-Art. 1 (P1-1). Kontra dak li jippretendu l-konvenuti, il-wirt illi ksibu mingħand Ursola Camilleri kien jeskludi *a priori* l-leġittima. Dan għaliex il-leġittima mhijiex parti mill-wirt tad-*de cujus* li tgħaddi għand l-eredi. Anzi hija parti mill-proprjetà tad-*de cujus* illi titwarrab fil-ġenb, tinqata' kollha kemm hi mill-wirt li jrid igħaddi għand l-eredi, sabiex tingħata esklussivament lill-persuni li għandhom jedd *ope legis* b'effett tal-art. 615(1) tal-Kap.16. Dak is-sehem ma jsir qatt parti mill-wirt li jiġi trasmess lill-eredi u għalhekk l-eredi m'għandhom l-ebda jedd fuq dak is-sehem. Hekk kien id-Dritt Ruman u hekk kienet il-liġi tagħna, qabel l-emendi. Il-leġittima tinqata' mingħajr il-ħtiega ta' intervent da parti tat-testatur. Lanqas hemm ħtieġa għat-testatur li jagħmel riferenza għal-leġittima fit-testment tiegħu. Tgħaddi għand il-persuni konċernati (mhux għand l-eredi) in piena proprjetà u mingħajr piżijiet.

"B'dak l-istat tad-dritt kif joħroġ mill-art. 615(1) qabel l-emendi, il-konvenuti *qua* eredi ma jistgħux jilmentaw minn ksur tal-Art. 1 (P1-1) għaliex ma kinux privati mill-*peaceful enjoyment of their possessions* billi l-leġittima ma hijiex parti *of their possessions*. Ladarba l-leġittima mhijiex *possession* tal-eredi, għaliex mhijiex kompriża fil-wirt tad-*de cujus* li tgħaddi għand l-eredi, ma hemmx lok u lanqas il-ħtieġa illi din il-qorti tidħol għall-analiżi tat-tieni parti tal-Art. 1 (P1-1) senjatament fejn *si tratta* tad-dritt tal-Istat illi fl-interess ġenerali jikkontrolla l-użu tal-proprjetà, u dan proprju għaliex il-konvenuti ma ġarrbu l-ebda teħid forzuz. Xejn ma ttieħed mill-eredi bl-art. 615(1) tal-Kap.16. Dak

kien tal-persuni li jissemmew fl-art. 615 tal-Kap.16. Kwindi ma tinsorġix il-kwistjoni jekk dak l-allegat teħid forzuz kienx fl-interess ġenerali jew eżerċizzju mill-Istat tal-prerogattivi tiegħu kif imħarsa mill-Art. 1 (P1-1).”

7. Il-konvenuti appellaw b’rikors tat-2 ta’ Novembru 2012. L-aggravji tagħhom huma dawn:

i. L-ewwel aggravju huwa msejjes fuq il-figura legali tal-werriet u tal-leġittimarju. Il-Konvenuti ma jaqblux mal-konklużjoni tal-ewwel qorti illi “l-werriet jiret biss il-kwota disponibbli” u illi “l-werriet ma għandu l-ebda pretensjoni fir-rigward tal-beni kompriżi fil-porzjon riżervat u ma jistax jinvoka t-tutela tal-Konvenzjoni”.

ii. It-tieni aggravju jolqot il-konklużjoni tal-ewwel qorti “illi ġaladarba d-*de cuius* matul ħajjitha naqset li tittenta azzjoni sabiex timpunja l-artiklu 615 tal-Kap. 16 minħabba li jivvjola l-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, ‘mal-mewt tat-testatriċi, dak id-dritt ta’ azzjoni potenzjali li tfittex *qua* testatriċi l-ħarsien tal-Konvenzjoni ma kienx trasmess lill-eredi tagħha, għaliex l-eredi jidħlu fiż-“żarbun” tad-*de cujus* mal-mewt tagħha, u, mal-mewt tagħha, kisbu mhux dak kollu illi t-testatriċi kellha sal-mewt iżda dak kollu illi l-liġi tgħid li għandhom jedd għalih’”.

iii. It-tielet aggravju jolqot l-interpretazzjoni li tat l-ewwel qorti lis-sentenza tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ ta’ Marckx *v.* il-Belġju[1]: “kuntrarjament għal dak li donnu fehmet l-ewwel onorabbli qorti, il-Q.E.D.B. sabet illi l-liġi belġjana tal-epoka kienet lesiva tad-drittijiet tal-bniedem fir-rigward tal-omm anke fir-rigward tal-ewwel artikolu tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni peress illi l-omm ma kinitx ħielsa illi tiddisponi minn ġidha kif tixtieq imma ma sabitx l-istess vjolazzjoni fir-rigward tal-bint minorenni peress illi l-beni tal-omm kienu għadhom ma sarux tagħha”.

8. L-atturi wieġbu fid-19 ta’ Novembru 2012 u l-Avukat Ġenerali wieġeb fit-28 ta’ Novembru 2012, u fissru għala, fil-fehma tagħhom, l-appell għandu jiġi miċħud.

9. Ngħaddu issa biex inqisu wieħed wieħed l-aggravji tal-konvenuti.

---

[1]Rik. 6833/1974,13 ta’ Ġunju 1979.

10. Fl-ewwel aggravju tagħhom il-konvenuti jikkontestaw il-konklużjoni tal-ewwel qorti illi s-sehem riżervat qatt ma daħal fil-patrimonju tagħhom u għalhekk ma jistax jingħad illi tteħdilhom dak li qatt ma kien tagħhom. Wara li jiċċitaw dottrina taljana fis-sens illi l-leġittimarju ma jiksibx proprjetà tal-wirt *ipso iure* iżda jrid jitlobha, ġudizzjarjament jekk meħtieġ, mingħand il-werrieta, il-konvenuti jkomplu jargumentaw hekk:
"… m'hemm xejn awtomatiku fid-dritt tal-leġittimarju illi jikkonsegwi l-leġittima illi huwa jippretendi mill-wirt tal-mejjet *ope legis* mal-mewt tad-*de cuius.* … … … [T]ali dritt jiġi konsegwit biss jekk tirnexxi l-*azione di riduzione* illi tirreduċi l-legati, donazzjonijiet u laxxiti illi jeċċedu l-kwota disponibbli u meta tirnexxi biss tali azzjoni illi l-leġitimarju jsir effettivament proprjetarju ta' parti mill-wirt tal-mejjet a skapitu tal-patrimonju mħolli lill-eredi.
"Illi dana joħroġ ċar anke mid-diċitura tal-artikolu 647 tal-Kap. l6 illi għadu fil-verżjoni oriġinali tiegħu u jaqra :
**"647.** Id-disposizzjonijiet ta' testment, meta jaqbżu s-sehem li minnu seta' jagħmel it-testatur, għandhom jitnaqqsu sa dak is-sehem, fiż-żmien tal-ftuħ tas-suċċessjoni, iżda dan kemm-il darba t-talba tiġi magħmula fiż-żmien imsemmi fl-artikolu 845.
"Illi skond l-artikolu 647 tal-Kap. l6 il-leġittimarji jridu jagħmlu talba sabiex jitnaqqsu d-disposizzjonijiet u d-donazzjonijiet lesivi u jekk ma jagħmlux tali talba ma jsir l-ebda tnaqqis ta' tali disposizzjonijiet. Altru illi l-leġittima ma tiġix konsegwita awtomatikament mal-mewt tad-*de cuius. Inoltre*, tali talba trid issir fi żmien għaxar snin mill-ftuħ tas-suċċessjoni u tiddekadi jekk ma ssirx f'tali terminu. Kieku l-leġittimarju huwa *ope legis* proprjetarju ta' parti mill-wirt tal-mejjet, kieku d-dritt tiegħu illi jottjeni tali proprjetà jintilef wara t-trapass ta' tletin sena, mhux ta' għaxar snin.
"… … …
"Għaldaqstant. parti mill-wirt titwarrab sabiex tikkostitwixxi l-porzjon riservat jekk il-leġittimarji jagħżlu din it-triq u mhux b'mod awtomatiku *ope legis* mal-mewt *tad-de cuius* kif sostniet l-ewwel onorabbli qorti. Huwa appuntu meta l-leġittimarji jagħmlu dina l-għażla illi, jekk jintraprendu b'suċċess l-*azione di riduzione* u l-*azione di restituzione*, tagħtihom id-dritt għal "sehem mill-beni tal-mejjet", illi l-

azzjoni tagħhom tinkalja kontra l-ewwel artikolu tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem għax permezz ta' tali għażla jkunu qed jieħdu bil-forza parti mill-patrimonju tal-mejjet illi altrimenti jiġi trasmess lill-eredi. Malli, imma mhux qabel, il-leġitimarju jirripudja r-rwol tiegħu ta' eredi u jitlob il-porzjon riservat ikun qed jinterferixxi fl-għażla ħielsa tad-*de cuius* illi jiddisponi minn ġidu kif jixtieq hu u jilledi d-dritt tal-eredi illi jkun issubentra fid-drittijiet u obbligi tad-*de cuius* taħt l-ewwel artikolu tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem."

11. Li hu relevanti, fil-fehma tal-qorti, ma huwiex jekk il-leġittimarju għandux sehem mill-wirt b'titolu universali jew għandux *pars bonorum* jew huwiex biss kreditur, u lanqas jekk jiksibx proprjetà ta' sehem mill-beni *ipso iure* jew jeħtiġlux jitlob li jingħata l-pussess mingħand il-werriet. Li hu relevanti hu illi l-wirt igħaddi f'idejn il-werriet mhux nieqes minn kull piż favur il-leġittimarju iżda soġġett għal dak il-piż. Fi kliem ieħor, il-werriet jikseb mhux biss l-attiv tal-wirt iżda wkoll il-passiv; ma għandu ebda jedd għall-beni kollha tal-wirt ħielsa minn kull piż, iżda hekk kif jinfetaħ il-wirt mal-mewt tat-testatur jikseb biss dak li tagħtih il-liġi, *i.e.* kemm l-attiv u kemm il-passiv, u fost il-passiv hemm dak li jmiss lil-leġittimarju.

12. Għalhekk sewwa qalet l-ewwel qorti, għalkemm forsi mhux f'termini legalment għal kollox preċiżi, illi bil-ħlas tas-sehem riżervat ma jitteħidx mingħand il-werriet dak li kien tiegħu iżda jkun biss qiegħed iħallas dak li jmiss lil ħaddieħor. Il-fatt illi l-beni jgħaddu mill-patrimonju tiegħu qabel ma jidħlu f'dak tal-leġittimarju ma jibdel xejn minn dan kollu. L-istess jiġri meta kreditur tal-mejjet ifittex li jitħallas mingħand il-werriet: il-fatt li jitħallas minn beni li jkunu daħlu fil-patrimonju tal-werriet ma jfissirx illi qiegħda tittieħed proprjetà tal-werriet bla kumpens, għax dik il-proprjetà ma jkunx wiritha ħielsa iżda soġġetta għall-obbligazzjonijiet kollha tal-mejjet.

13. Dan huwa konsegwenza tal-fatt illi l-art. 1 tal-Ewwel Protokoll iħares il-jedd ta' dak li jkun għat-tgawdija tal-beni li jkollu, u ma jagħtihx jedd li jikseb beni, jew li jikseb beni bla piżijiet, b'wirt:

"Article (P1-1) does no more than enshrine the right of everyone to the peaceful enjoyment of "his" possessions,

that consequently it applies only to a person's existing possessions and that it does not guarantee the right to acquire possessions whether on intestacy or through voluntary dispositions."[2]

14. L-ewwel qorti straħet fuq dan l-argument biex tfisser għala ma hemm ebda teħid ta' proprjetà tal-werrieta, u mhux biex tfisser għala ma hemm ebda ksur tal-jedd tat-testatriċi. Għalhekk, l-argument tal-konvenuti illi hemm indħil fil-"għażla ħielsa tad-*de cuius* illi jiddisponi minn ġidu kif jixtieq hu" strettament ma huwiex relevanti f'dan il-kuntest, u l-qorti sejra tqisu fil-kuntest tat-tieni u tat-tielet aggravji li jolqtu d-dritt tat-testatriċi.

15. L-ewwel aggravju huwa għalhekk miċħud.

16. Fit-tieni aggravju l-atturi jikkontestaw il-konklużjoni tal-ewwel qorti illi, għax it-testatriċi ma fittxitx li timpunja l-art. 615(1) tal-Kodiċi Ċivili matul ħajjitha, il-werrietha tagħha ma jistgħux jagħmlu hekk f'isimha wara mewtha. Għal din ir-raġuni, l-ewwel qorti kienet sabet illi l-konvenuti setgħu jilmentaw biss dwar ksur tal-jedd tagħhom li jirtu – għalkemm, kif rajna, sabet li ma kienx hemm dak il-ksur – iżda mhux dwar ksur tal-jedd tat-testatriċi li tiddisponi minn ħwejjiġha b'mod ħieles u kif trid. Il-konvenuti fissru dan l-aggravju hekk:

"… johrog ċar minn qari ta' [l-art. 615] illi l-mejta Ursola Camilleri, matul ħajjitha, ma setgħet issofri l-ebda leżjoni tad-drittijiet tal-bniedem tagħha għaliex xejn ma tteħdilha matul ħajjitha. Xejn ma żamm lil Ursola Camilleri milli tiddisponi minn ġidha matul ħajjietha b'titolu oneruż jew b'donazzjoni. … Imma d-*de cuius* setgħet kieku riedet bigħet ġidha kollha u nefqet il-provenjenti kollha qabel ma mietet jew tat ġidha għal xi kawża meritevoli mingħajr ma jiskatta l-artikolu 615 tal-Kap. 16. Kieku d-*de cuius* ittentat l-azzjoni illi l-ewwel onorabbli qorti kkastigata talli m'għamlitx, kieku żgur kienet tqum il-kwistjoni tal-interess ġuridiku tagħha illi tintavola tali azzjoni.

"Imma dana ma jfissirx illi allura d-drittijiet tad-*de cuius* waqgħu fil-limbu mal-mewt tagħha. … … …

"Issa fil-każ odjern, ġaladarba. l-eredi Marija Camilleri ssubentrat fil-personalità *tad-de cuius* kif irrikonoxxiet l-ewwel onorabbli qorti mat-trasmissjoni tar-rapporti

---

[2] Marcks *v.* Belġju, para. 50.

patrimonjali mill-mejta għall-eredi, xorta jrid ikun hemm rispett lejn il-provvedimenti tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u senjatament l-ewwel artikolu tal-ewwel protokoll. Il-konklużjoni tal-ewwel onorabbli qorti tagħti lok għall-interpretazzjoni illi mal-mewt tad-*de cuius* m'hemmx limitu għal dak illi l-Istat jista' jordna kif issir it-trasmissjoni tal-patrimonju tiegħu lill-eredi għax id-*de cuius* ma jkollux interess ġuridiku illi jimpunja tali proveddimenti qabel ma jmut u l-eredi jrid jaċċetta tali stat ta' fatt għax skond l-ewwel onorabbli qorti hu għandu dritt biss għal dak illi l-liġi tiddeċiedi illi għandu jiġi trasmess mill-mejjet għall-eredi.

"Illi tali interpretazzjoni hija qajla aċċettabli: l-interpretazzjoni tal-ewwel onorabbli qorti waqqgħet lill-appellanta *between two stools* u dana peress illi l-ewwel onorabbli qorti injorat il-fatt illi l-eredi daħlet fil-personalità tal-mejjet mal-mewt ta' din tal-aħħar u illi l-eredi hija kontinwazzjoni tal-personalità ġuridika tal-mejjet u għaldaqstant għandha l-interess unika illi l-patrimonju tal-mejjet jiġi trasmess lill-eredi mingħajr l-ebda teħid forzus illi ma jsirx fl-interess ġenerali u mingħajr ma jingħata kumpens adekwat. Il-konkluzjoni tal-ewwel onorabbli qorti illi "mal-mewt tagħha (l-eredi) kisbu m'hux dak kollu illi t-testatiċi kellha sal-mewt iżda dak kollu l-liġi tgħid illi għandhom jedd għalih" timplika illi hemm żona blindata ta' parti mill-patrimonju tal-mejta illi hija eżentata minn kwalunkwe skrutinju jekk tali porzjon riservat tal-patrimonju tal-mejjet hijiex lesiva tad-drittijiet tal-bniedem kemm tal-mejjet kif ukoll tal-eredi illi l-personalità tagħhom tiġi konfuża "fejn *si tratta* ta' aċċettazzjoni ta' wirt mingħajr kondizzjoni kif kien il-każ tal-lum"."

17. Il-kwistjoni fil-fehma tal-qorti ma hijiex jekk il-konvenuti daħlux fil-personalità tal-awtriċi tagħhom: il-kwistjoni hija illi l-ewwel qorti għarfet id-distinzjoni li hemm bejn il-jedd tat-testatur li jiddisponi minn ħwejġu kif irid hu u l-jedd tal-werriet li jiret il-ġid kollu tat-testatur ħieles mill-piż tal-leġittima, u qalet illi, għax il-*ius testandi* huwa personali għat-testatur, l-azzjoni relativa ma tintiritx jekk ma tkunx inbdiet mit-testatur qabel mewtu.

18. Lanqas ma huwa minnu illi t-testatriċi ma setgħetx, matul ħajjitha, tfittex li timpunja d-dispożizzjoni tal-liġi minħabba nuqqas ta' interess ġuridiku. Dan kienet

għamlitu r-rikorrenti fil-każ ta' Marckx u l-azzjoni li ressqet ma fallietx minħabba nuqqas ta' interess ġuridiku jew ta' *locus standi*. Anzi, il-qorti qalet illi "*article 1 of Protocol No. 1 is applicable to* [*the mother's*] *claims*[3]".

19. Il-fatt illi t-testatriċi ma ressqitx l-azzjoni biex timpunja l-obbligu tal-leġittima ifisser illi ma dehrilhiex illi dan l-obbligu kien ta' tfixkil għall-*ius testandi* tagħha, u, għax il-*ius testandi* huwa personali għat-testatur u jintemm bla ma jintiret ma' mewtu, ma għaddiet ebda jedd ta' azzjoni lill-werrieta tagħha.

20. It-tieni aggravju huwa għalhekk miċħud.

21. Fit-tielet aggravju l-konvenuti jgħidu illi l-ewwel qorti fehmet ħażin is-sentenza tal-Qorti Ewropeja fil-każ ta' Marckx għax f'dak il-każ il-qorti kienet sabet ksur tal-jedd tal-omm imħares taħt l-art. 1 tal-Ewwel Protokoll.

22. Tassew, b'dan l-aggravju l-konvenuti qegħdin iwaqqgħu l-argument tagħhom stess imressaq fl-ewwel aggravju fejn kienu qalu illi l-omm "matul ħajjitha ma setgħet issofri l-ebda leżjoni" u illi li kieku "ittentat l-azzjoni … kieku żgur kienet tqum il-kwistjoni tal-interess ġuridiku tagħha". Fil-każ ta' Marckx l-azzjoni tal-omm tħalliet timxi matul ħajjitha, li juri illi ma hemmx l-ostakolu tan-nuqqas ta' interess ġuridiku[4] li raw il-konvenuti.

23. Fil-meritu, għandu jingħad illi fil-każ ta' Marckx instab ksur mhux għax l-omm ma setgħetx tiddisponi minn ġidha kollu kif xtaqet – ħaġa li l-qorti qalet illi taqa' fl-ambitu tas-setgħa tal-istat li jikkontrolla l-użu tal-proprjetà – iżda għax ma setgħetx tiddisponi minn ġidha kif xtaqet favur bint naturali għar-raġuni biss li hi kienet omm mhux miżżewġa u li l-bint kienet illeġittima, b'diskriminazzjoni minħabba l-istat ċivili tagħhom. Fil-fatt instab ksur mhux tal-art. 1 tal-Ewwel Protokoll waħdu iżda meta moqri flimkien mal-art. 14 tal-Konvenzjoni. Is-setgħa tal-istat illi jġiegħel lit-testatur iħalli sehem riżervat mill-ġid tiegħu lill-ulied jew lil qraba oħra ma hijiex, fiha nfisha, setgħa li tikser l-art. 1 tal-Ewwel Prorokoll:

"64. The second paragraph of Article 1 (P1-1) ... authorises a Contracting State to "enforce such laws as it deems necessary to control the use of property in

---

[3] Para V, 13.

[4] Ara para. 18, *supra*.

accordance with the general interest". This paragraph thus sets the Contracting States up as sole judges of the "necessity" for such a law. … As regards "the general interest", it may in certain cases induce a legislature to "control the use of property" in the area of dispositions inter vivos or by will. In consequence, the limitation complained of by the first applicant is not of itself in conflict with Protocol No. 1."

24. Kien biss minħabba diskriminazzjoni – għax il-liġi belġjana kienet tapplika b'mod differenti meta t-testatriċi kienet omm mhix miżżewġa – illi nstab li kien hemm ksur, mhux tal-art. 1 waħdu, iżda flimkien mal-art. 14 tal-Konvenzjoni:

"65. However, the limitation applies only to unmarried and not to married mothers. Like the Commission, the Court considers this distinction … to be discriminatory. In view of Article 14 (art. 14) of the Convention, the Court fails to see on what "general interest", or on what objective and reasonable justification, a State could rely to limit an unmarried mother's right to make gifts or legacies in favour of her child when at the same time a married woman is not subject to any similar restriction."

25. Fil-każ tallum ma ntweriet ebda diskriminazzjoni u lanqas ma ġie invokat l-art. 14. Għalhekk l-ewwel qorti ma għamlet xejn ħażin meta fil-każ tallum ma waslitx għall-istess konklużjoni li kienet waslet għaliha l-Qorti Ewropeja fil-każ ta' Marckx, ladarba ċ-ċirkostanzi huma differenti.

26. It-tielet aggravju wkoll, għalhekk, ma jistax jintlaqa'.

27. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti taqta' l-kawża billi tiċħad l-appell, tikkonferma s-sentenza appellata u tordna illi l-atti jintbagħtu lura lill-Qorti tal-Maġistrati sabiex jitkompla s-smigħ.

28. L-ispejjeż kollha jħallsuhom il-konvenuti appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------